# Aħbar Tajba

Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent

Mikea 5, 1-4a
Salm 79 (80), 2aċ.3b.15-16.18-19
Lhud 10, 5-10
Lq 1, 39-45



“Imbierka inti fost in-nisa,
**u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek!”**

Mill-ewwel tinduna meta jkun għaddej xi ħadd importanti. Ħwejġu, il-karozza li jiġi biha, in-nies li jkollu miegħu – ħafna huma s-sinjali li juruk li dak li għaddej hu xi ħadd importanti. Dawn ħafna drabi ma jsuqux huma l-karozza tagħhom u lanqas se jużaw it-trasport pubbliku. Le dawn ikollhom sewwieq li jeħodhom kull fejn jixtiequ. Ikollu reġiment nies, assistenti u segretarji, li jagħmlulhom kważi kollox, minn sempliċi tazza kafè sad-dettalji tal-appuntamenti tagħhom. Hekk huma l-mexxejja tad-dinja, kollha lbies sabiħ, karozzi ġodda u nies jeħdulhom ir-ritratti.

Imma fil-Vanġelu tal-lum niltaqgħu ma' l-aktar mara importanti li rat l-istorja, imma din, flok stenniet lin-nies iduru magħha biex jaqduha, ħalliet kollox biex tkun hi li taqdi. Dawn x'affarijiet huma? Marija tgħallimna waħda mill-akbar tagħlimiet li nsibu fil-Bibbja – li l-akbar bnedmin mhux dawk li jilbsu sabiħ u jordnaw lill-oħrajn imma dawk li jgħixu ħajjithom għas-servizz tal-oħrajn.- (ghax fis servizz ta lohrajn qisu impjegati taghhom)

Ma nafx smajtux bl-eks-President tal-Urugwaj, José Mujica. Dan meta n-nies għażluh bħala mexxej tagħhom JEW meta l-poplu għażlu bħala mexxej tiegħhu, iddeċieda li jkompli jgħix kif kien jgħix qabel. Baqa' joqgħod f'razzet żgħir ta' tlett ikmamar, isuq il-beetle antika tiegħu u jilbes l-ilbies sempliċi li kien imdorri jilbes bħala bidwi. Xorta għamlu xogħlu ta' mexxej tal-pajjiż, imma ma qgħadx ifittex il-kumdità tiegħu. Mhux talli hekk, 90% ta' dak li kien jaqla kien jagħtih lill-foqra. U xi ngħidu fuq il-Papa Franġisku? Meta ntgħażel bħala Arċisqof iddeċieda li jgħix ġo sempliċi appartament żgħir flok il-Palazz tal-Arċisqof u minflok karozza lussuża u xufier kien juża t-trasport pubbliku. U dan kollu għax jemmen li bħal Ġesù jrid ikun qrib il-fqir. Xejn ma nbidel għalih issa li ntagħżel bħala Papa. Baqa' jgħix f'appartament sempliċi u qatt ma jitlef okkażjoni biex jgħin lill-foqra. Naħseb smajtu kemm qed jaħdem man-nies li jgħixu fit-toroq ta' Ruma. Bl-eżempju qed jgħix il-messaġġ ċentrali tal-Vanġelu li l-akbar hu dak li lest li jaqdi lil ta' madwaru.

Mela l-akbar nies fid-dinja mhumiex dawk li warajhom ikollhom folla nies biex jaqduhom imma dawk li f'ħajjithom jgħinu folol ta' nies. Persuni bħal Madre Tereża, Oscar Romero, u tant oħrajn li l-Knisja tħeġġiġna biex nimxu fuq il-passi tagħhom.







## Id-Dimostrazzjoni

Fost it-tradizzjonijiet kollha marbuta mal-Milied li għandna, insibu l-purċissjoni bil-bambin li toħroġ minn ħafna mill-oqsma tal-MUSEUM fil-lejl tal-Milied. Din bdiet fl-1921 meta l-fundatur tal-MUSEUM stess, Dun Ġorġ Preca beda jinduna li għal ħafna nies il-Milied kien aktar żmien ta' mistrieħ u divertiment milli festa Nisranija. Għalhekk iddeċieda li jfakkar lin-nies x'inhi r-raġuni tal-festa u għalhekk qataha li hu u l-membri tal-għaqda tiegħu jagħmlu dimostrazzjoni fit-toroq tal-Ħamrun. Mhux dimostrazzjoni ta' storbju, nies irrabbjati u ġlied imma waħda ta' ferħ imdawra ma' xbieha żgħira ta' Ġesù Bambin. Għalkemm ftit kienu r-riżorsi li kellhom, imma dak il-lejl irnexxielhom jixgħelu fit-toroq tal-Ħamrun spirtu ferm differenti bid-dawl tal-lampi, l-għanjiet tal-Milied u t-talb tagħhom. Minn dakinhar, sena wara l-oħra, il-membri tal-MUSEUM baqgħu jorganizzaw din id-dimostrazzjoni żgħira, mhux biss fil-Ħamrun, imma tista' tgħid f'kull belt u raħal ta' pajjiżna.



### Din il-Ġimgħa...

**Il-lejl tal-24 ta' Diċembru ipprova ħallieh liberu biex, mal-familja tiegħek, tiċċelebra kif inhu xieraq din il-festa kbira. Ara ftit fi x'ħin se tibda l-Purċissjoni tal-Bambin miċ-ċentru tal-MUSEUM tar-raħal tiegħek biex tkun tista' tieħu sehem inti wkoll. U x'ħin tkun hemm, tkunx kuntent timxi wara l-folla, imma ħu sehem attiv, staqsi lil xi membru jekk tistax tgħin b'xi mod. Fuq kollox tinsiex li din dimostrazzjoni. Bil-preżenza tiegħek qed twassal messaġġ ċar u importanti – li Ġesù hu l-qofol tal-Milied. U biex dan il-messaġġ jasal żgur, kif jibdew ikantaw l-għanjiet tal-Milied, kanta magħhom u ħeġġeġ lil ta' madwarek jagħmlu l-istess.**

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.







mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

GĦAŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!
GĦAŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST



SAY IT!
ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola
YOUTHEME

AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre
YOUTHEME FOUNDATION